**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

**Każ Nru:**

**Il-Pulizija**

(Spettur Lara Butters)

**kontra**

**Jessie Pasag**

**Illum, it-12 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta'**Jessie Pasag,** ta' 31 sena, ta' nazzjonalita' Filippina, iben Antonio u Adela Matabia, imwieled Pozorrubio, nhar 27 ta' Lulju, 1993, residenti ġewwa 30, Alpha Coury, Flat 5, Triq Wistin Levanzin Fgura, u detentur ta' Passaport Filippin bin-numru P2047774C, akkużat talli fil-11 ta' Jannar 2025 u jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-gżejjer:

1. Matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi ta prospet falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta)
2. Matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi, uża jew kellhu fil-pussess tiegħu xi passaport, li hu kien jaf li ġie iffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);
3. Matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);
4. Matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi, mingħajr awtorità leġittima uża jew kellhu fil-pussess tiegħu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
Semgħet ix-xhieda u rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-imputat jiddikjara u sussegwentament jerġgħa jikkonferma li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dan wara li l-Qorti tatu żmien sabiex jerġa lura mill-istess ammissjoni, wara li solennement spejgatlu il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni u tatu żmien jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u jerġa' jikkonsulta mal-avukat tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet in kwantu għall-piena li għandha tiġi erogata fejn għalkemm il-Qorti ma ġiet infurmata bl-ebda qbil bejn il-partijiet, mis-sottomissjonijiet irriżulta li l-istess partijiet qablu li l-piena fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern għandha tqarreb lejn il-minimu;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu ġew ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi;

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura gravi tal-imputazzjonijiet li tagħhom l-imputat ser jinsab. Din il-Qorti tfakkar li dawn it-tip ta' reati huma reati kontra is-sigurta' nazzjonali mhux biss ta' pajjiżna iżda anke dik tal-Unjoni Ewropeja ġaladarba Malta hija pajjiż tal-Unjoni Ewropeja. Konsegwentament fil-fehma ta' din il-Qorti l-piena idoneja fiċ-ċirkostanzi hija dik ta' priġunerija effettiva. Madanakollu din il-Qorti ħadet ukoll kont tal-ammissjoni tal-imputat fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri odjerni kif ukoll il-ko-operazzjoni tal-imputat mal-pulizija. Dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom jimmitigaw favur l-imputat sabiex il-Qorti teroga piena viċin il-minimu hekk kif sottomess mill-partijiet. In kwantu għall-kallibrazzjoni tal-piena din il-Qorti ser tapplika dak li jistipula l-artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li ħadet kont tal-fatt li dan il-każ ma kienx jirrelata persuna li vjaġġa tramite Malta wara li telaq minn pajjiżi mifnijien b'kunflitt iżda persuna li kienet ser tivvjaġġa minn Malta għal vaganza wara li ġie rrifjutat il-permess li jaħdem ġewwa Malta.

Għaldaqstant, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi, senjatament l-artikoli 32(1)(c) u 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni qed issib lill-qua imputat Jessie Pasag ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrieh u konsegwentament qed tikkundanah għal piena ta' tmien xhur priġunerija effettiva.

Il-Qorti filwaqt li qed tordna l-konfiska tal-corpus delicti, qed tiċħad it-talba tal-prosekuzzjoni għall-ħlas tal-ispejjeż peritali ġaladarba mill-atti proċesswali ma jirriżultax li ġew ingaġġati esperti fil-proċeduri odjerni.

___________________________________

Maġistrat Dr. Elaine Rizzo

_________________________________

Christine Farrugia
Deputat Reġistratur